## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-1 ta' Gunju 2001**

**Citazzjoni numru 1652/98 GC**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Avon Insurance plc u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Emmanuel Agius, abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi, u l-istess Emmanuel Agius**

**vs**

**Robert Sofia**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew :

Illi fl-20 ta' Settembru, 1997, ghall-habta tat-3.l5pm waqt illi l-attur Emmanuel Agius kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAG 071 gewwa Notabile Road, Attard, huwa safa involut f'kollizzjoni awtomobilistika mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAH l83, misjuqa mill-konvenut;

Illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Illi d-danni konsegwenzjali sofferti fil-vettura tal-attur Emmanuel Agius jammontaw ghal-elf mija u tnejn u erbghin liri maltin u erba' centezmi (Lm1142.04) li ghalihom ghamlet tajjeb, salv ghall-hamsa u ghoxrin liri maltin (Lm25) excess payment, is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited abbazi tal-polza tat-tip comprehensive u skond il-Ligi, u giet minnu debitament surrogata fid-drittijiet kollha tieghu, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut, minkejja li gie interpellat biex jaghmel tajjeb ghall-dawn id-danni fuq imsemmija, baqa' inadempejenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistku li sehh gewwa Notabile Road,Attard, nhar l-20 ta' Settembru, 1997, ghall-habta tat-3.l5pm bejn il-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni JAG 071 u HAH l83 rispettivament;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' elf mija u sbatax liri maltin u erba' centezmi (Lm1117.04), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Emmanuel Agius u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta attrici, kif fuq premess bhala konsegwenza ta' l-istess incident, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Emmanuel Agius, is-somma ta' hamsa u ghoxrin liri maltin (Lm25), jew somma verjuri, ammont rapprezentanti danni minnu sofferti in linea ta' excess payment in konnessjoni ma' l-incident;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Frar, l998, u wkoll ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma dan l-Att ta' Citazzjoni lis-socjeta Qatar Insurance, u interessi legali md-data tan-notifikat ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

Illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tieghu izda tort tal-attur Emanuel Agius u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' April 2001;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fl-20 ta' Settembru 1997, kmieni wara nofs in-nhar, sehh incident stradali f'Notabile Road, Attard. L-attur Emmanuel Agius kien involut f'dan l-incident u kien qed isuq il-vettura tal-marka Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni JAG-071, filwaqt li l-konvenut ukoll kien involut u kien qed isuq il-vettura tal-marka Fiat 127 bin-numru ta' registrazzjoni HAH-183. L-attur Agius kien assikurat mas-socjeta attrici b'polza "fully comprehensive" u ghalhekk l-istess socjeta attrici assikuratrici hallset id-danni kollha sofferti minn Agius ad eccezzjoni ta' hamsa u ghoxrin liri maltin (Lm25) li kellu jhallashom l-istess attur Agius bhala "excess". B'kollox s-socjeta attrici assikuratrici hallset lill-attur Agius is-somma ta' elf mija u sbatax liri maltin u erba' centezmi (Lm1117.04) u b'hekk l-istess socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-attur Agius sal-imsemmija somma. Id-danni sofferti mill-attur Agius bhala konsegwenza ta' din il-kollizzjoni gew kalkolati fis-somma ta' elf mija u tnejn u erbghin liri maltin u erba' centezmi (Lm1142.04);

L-atturi qed jippretendu li l-konvenut ghandu jigi ritenut li kien unikament responsabbli ghal din il-kollizzjoni u konsegwentement ghandu jigi kundannat ihallas id-danni kollha sofferti mill-attur Agius fil-vettura tieghu. Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament tort tal-attur Emanuel Agius;

L-attur Emanuel Agius jighid li huwa kien hiereg mit-triq tal-Isptar Monte Carmeli bil-hsieb li jaqbad Notabile Road fid-direzzjoni lejn Attard. Huwa jghid li qabel ma hareg, huwa waqaf fejn hemm "stop sign" u halla jghaddu xi karozzi li kienu gejjin mid-direzzjoni ta' Attard. Meta ra li t-triq kienet libera huwa hareg fid-dritt, u mar ghan-naha l-ohra tat-triq u dahal fil-karreggjata li tiehu fid-direzzjoni ta' Attard. Huwa qal li lehaq iddritta u wara li mexa cirka tletin pied giet mid-direzzjoni opposta l-karozza misjuqa mill-konvenut u baqghet diehla fuq il-genb tal-karozza tieghu. Huwa jghid li l-habta sehhet fil-karreggjata tieghu u ghalhekk huwa jghid li l-konvenut mar fuq in-naha l-hazina tat-triq;

Da parti tieghu l-konvenut jghati versjoni differenti. Huwa kkonferma li kien qed isuq f'Notabile Road sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat. Kif wasal hdejn id-dahla li tghati ghall-Isptar Monte Carmeli, nduna li kien hemm il-karozza tal-attur, wieqfa nofsha 'l barra mill-"stop sign" li hemm f'din l-entratura. Huwa ghalhekk saq ghall-lejn in-nofs tat-triq, pero' f'hin minnhom l-attur beda hiereg b'mod indeciz, u meta l-attur wasal f'nofs it-triq, kien inevitabbli li l-konvenut jolqtu. Huwa qal li din il-habta sehhet meta huwa kien ghadu fin-naha tieghu tat-triq. Huwa qal li kien biss minhabba l-habta li l-karozza tieghi spiccat b'rota wahda ta' quddiem fuq in-naha il-hazina tat-triq. Huwa jghid li l-brake marks li halla, fl-ahhar metru u nofs, kienu mdawwrin lejn il-karreggata l-ohra tat-triq;

Il-versjoni li jghati l-konvenut mhux verosimili, mhux kredibbli u mhux korroborata minn certi rizultanzi. Mill-isketch (dokument GV1 a fol.22) jirrizulta li l-habta sehhet kompletament fil-karreggjata tal-attur Agius, cioe fil-karreggjata li tiehu ghad-direzzjoni ta' Attard. Jidher ghalhekk li l-attur Agius kien lehaq dahal fil-karrggjata tieghu u kien ukoll gia beda ghaddej fid-dritt sejjer fid-direzzjoni ta' Attard. Hawnhekk ghandu jigi puntwallizzat li l-imsemmi skizz mhux "to scale" u inoltre lanqas ma jista jigi eskluz li l-attur ghamel il-manuvra li qal li ghamel u cioe' li huwa hareg fid-dritt, u beda sejjer fi triqtu lejn Attard wara li lehaq iddritta;

Il-konvenut ammetta li huwa kien gej minn liwja. Jidher li l-konvenut ittanta jidhol f'din il-liwja b'velocita', li fic-cirkonstanzi kienet eccessiva. Il-konvenut ma kkontrollax sewwa l-vettura tieghu, li marret fuq in-naha l-hazina tat-triq u b'hekk saret din il-kollizzjoni. Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwestjoni. Ma jirrizulta xejn li jista jitfa xi responsabilita fuq l-attur Agius;

Jirrizulta li d-danni kollha sofferti mill-attur Agius fil-vettura tieghu komplessivament jammontaw ghas-somma ta' elf mija u tnejn u erbghin liri maltin u erba' centezmi (Lm1142.04). Minn dawn is-socjeta attrici hallset is-somma ta' Lm1117.04 u dana bhala s-socjeta assikuratrici, filwaqt li l-attur hallas is-somma ta' Lm25. Konsegwentement il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma ta Lm1117.04 lis-socjeta attrici u s-somma ta' Lm25 lill-attur Agius;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistku in kwestjoni; tillikwida d-danni kollha sofferti fil-vettura tal-attur Agius fis-somma komplessiva ta' elf mija u tnejn u erbghin liri maltin u erba' centezmi (Lm1142.04) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici assikuratrici s-somma ta elf mija u sbatax il-lira maltin u erba centezmi (Lm1117.04) in linea ta' danni u lill-attur Emmanuel Agius is-somma ta' hamsa u ghoxrin liri maltin (Lm25) ukoll in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni cioe mis-7 ta' Awissu 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjes kollha kontra l-konvenut.